8



# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal Bord Editorjali.

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tat-Tel: 556187

**Abbonament għal sena**

Lokali: 60c
Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.
Sostenitur: £M2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex permezz ta' Marija Ġesù jerġa jitwieled fil-qlub tal-morda, tal-imġarrbin, tal-imwarbin u ta' dawk kollha li qed ibatu.

Gozo Press.

SENA II — NRU. 8

**Ottubru — Diċembru 1981**

**F'DIN IL-ĦARĠA:**

| | |
|---|---|
| * Il-Kelma tar-Rettur | 225 |
| * Il-bini tal-Knisja | 226 |
| * L-Umilta' tal-Madonna u aħna | 230 |
| * Sidtna Marija Ta' Pinu | 231 |
| * Is-Saħħara tal-Fgura | 233 |
| * Marija fil-Ħajja Tiegħi | 237 |
| * Mons. Ġwanni M. Camilleri | 238 |
| * X'Inhu l-Milied? | 240 |
| * The Church entrusted to Mary Proclaims hope to all mankind | 244 |
| * Tifkira tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta fil-15 ta' Lulju, 1881 | 247 |
| * Il-Mimlija bil-Grazzja | 249 |
| * Kronaka tas-Santwarju | 251 |
| * Grazzi Madonna għax Smajtni | 253 |
| * Hail Mary | 256 |

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-Istampa tal-qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.

# Il-Kelma tar-Rettur

*Wara kważi sena mimlija b'kull xorta ta' ġrajja madwar id-dinja, erġajna wasalna biex infakkru t-twelid tal-Feddej tagħna Ġesù Kristu, ġrajja li bdiet era oħra fil-ħajja tal-bnedmin, bidu ta' żmien li fih kellhom jibdew isaltnu s-sliem u l-paċi. U nistgħu ngħidu li l-bnedmin ċivilizzati kollha, f'dawn il-ġranet, jixtiequ u jirreċiprokaw xewqat sbieħ ta' sliem u paċi lil tant u tant ħbieb u qraba tagħhom.*

*Iżda jekk nagħtu ħarsa fuq id-dinja, inkluż il-pajjiż żgħir tagħna, insibu, li għalkemm Kristu minn Alla sar bniedem u għex fostna, għallimna kif għandna nġibu ruħna, u tana mexxejja għaqlin, l-appostli u s-suċċessuri tagħhom, il-Papa u l-Isqfijiet, u numru mhux ħażin ta' bnedmin imxew fuq il-linji mfasslin minnU, tant u tant bnedmin għadhom jimxu għal rashom, ifasslu l-personalità tagħhom kif jogħġob lilhom, mingħajr, ħafna drabi, ma jimpurtahom minn għajrhom. Din hija l-problema prinċipali li tinsab fiha d-dinja ta' żmenijietna. Kważi kulħadd irid jaħkem, kulħadd jaħseb li tiegħu huwa s-sewwa u tal-oħrajn ħażin. Min għandu l-qawwa tal-kelma jew tal-id, spiss ifittex li jinqeda biha għall-avvanzi tiegħu, mingħajr ma jagħti każ tal-ħsara li jistgħu jsofru l-oħrajn bl-imġieba tiegħu. U hekk tinbet il-firda, li tikber fi ġlied u tispiċċa f'terroriżmu.*

*Imma l-ordni tas-sliem u l-paċi li ħabbrilna Ġesù bit-twelid tiegħu ma kienx jikkonsisti f'din ix-xorta ta' mġieba, imma fl-umiltà u r-rieda tajba; "Ġesù Kristu...ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla...imma tneżż ' minn kollox...sar jixbah lill-bnedmin" (Filip. 2); u meta sar bniedem l-anġli kantaw "Paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba..."(S. Luqa, 2)*

*Meta l-Mulej għażel mara biex tkun omm ibnu, ma sabx waħda li kellha isem kbir fid-dinja, iżda xebba moħbija, xebba umli kif stqarret hija stess "Hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu, u meta fehmet is-sejħa, kienet pronta aċċettat ir-rieda tiegħU" "Ikun minni skond kelmtek". (S. Luqa, 1)*

*Tajjeb immela, waqt li nkunu qegħdin nifirħu u nferrħu lill-oħrajn, inżommu quddiem għajnejna lil Ġesù u lil Marija ommu, biex ix-xewqat sbieħ tagħna ma jkunux akkumpanjati mill-ħsieb li l-oħrajn għandhom ibiddlu l-imġieba biex titbiddel id-dinja, imma ispirati minnhom, il-ħsieb tagħna jkun li l-ewwel nitbiddlu aħna biex id-dinja titbiddel magħna.*

Mill-E.T. MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI, ISQOF T'GĦAWDEX

# Il-Bini tal-Knisja

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu, li għaddiet ħafna 'l quddiem fis-snin li fihom xterdet l-aħbar tad-dehriet, mhux biss bdiet trabbi għeruq fil-fond ta' qalb il-poplu Għawdxi, iżda kellha wkoll l-approvazzjoni u l-inkoraġġiment tar-Ragħajja Spiritwali tiegħu.

Fil-11 ta' Frar, 1889, il-Papa Ljun XIII, ħatar bħala Isqof t'Għawdex lil Mons. Ġwanni Marija Camilleri, agostinjan, minflok Mons. Pietru Pace li kien ħalla d-djoċesi għawdxija meta sar Isqof ta' Malta. Mons. Camilleri "ġab ħafna 'l quddiem id-devozzjoni lejn il-Verġni Mqaddsa Ta' Pinu u kien imur spiss f'dak is-santwarju biex iqim ix-xbieha mqaddsa". (37)

Huwa ħatar għal din il-kappella, retturi għaqlin li bil-ħila u tħabrik tagħhom, id-devozzjoni kompliet tikber u tixtered. Dawn kienu Dun Anton Debono, li mbagħad ħalla minn rettur biex isir kappillan ta' Kerċem u iktar tard monsinjur tal-Katidral; Dun Alfonz Marija Hili, li wara ġie nominat segretarju tal-Isqof u Arċipriet tar-Rabat; Dun Piet Damjani Aquilina, li qabel kien benedittin; Dun Ġużepp Cefai, li wara laħaq kanoniku tal-Katidral. Fis-sena 1916, ġie maħtur rettur tas-Santwarju ta' Pinu Dun Ġużepp Portelli, li fi żmienu beda u tkompla sa l-aħħar il-bini tal-knisja l-ġdida.

L-Isqof Camilleri kkonċieda wkoll li jibdew isiru fis-Santwarju ta' Pinu, id-devozzjonijiet tal-ħmistax il-Erbgħa qabel il-festa tal-Assunzjoni, bi tħejjija għal din is-sollennità (38). Dawn il-ġranet għadhom sal-lum għelm mill-aqwa tal-qima tal-Għawdxin lejn il-Madonna Ta' Pinu, għaliex folol kbar imorru f'dawn il-jiem iżuruha fit-tempju tagħha.

Biex iħajjar lill-insara li jiffrekwentaw dejjem iżjed dan il-post imqaddes, l-Isqof talab u qala' minn għand il-Papa Leone XIII, l-indulġenza plenarja li tintrebaħ minn dawk li jżuru l-knisja Ta' Pinu f'ċerti festi tal-Madonna. (39)

Ħafna minn dawk li kienu jżuru l-kappella qadima, meta kienu jarawha hekk żgħira, kienu jixtiequ li jkun hemm knisja oħra u isbaħ. Din kienet ukol il-fehma u x-

xewqa ta' Karmni Grima. Wara riflessjoni fit-tul, l-Isqof Camilleri, ħa d-deċiżjoni li tinbena l-knisja l-ġdida u għamel it-thejjijiet meħtieġa għal biċċa xogħol hekk imponenti. Kif stqarr huwa stess fid-diskors tiegħu fl-okkażjoni tat-tqegħid tal-ewwel ġebla: "Malli ġejt hawn fostkom, wieħed mill-ewwel ħsibijiet tiegħi kien li nfittex intellgħu din id-dar t'Alla għall-glorja tiegħu u tal-Imqaddsa Ommu Marija." (40)

Madankollu, it-tfixkil li nqala' kien tant kbir li mid-deċiżjoni li tinbena l-knisja sal-funzjoni tal-ewwel ġebla tagħha, għaddew tletin sena. Kienet weġgħa ta' qalb għall-Isqof Camilleri, meta kien jara li hemm xi ħaġa li qiegħda żżomm lura t-twettiq ta' proġett tant għażiż għalih u għall-poplu u frattant bir-rieda tajba kollha tiegħu għal daqshekk żmien, ma setgħetx tinstab triq ta' soluzzjoni.

Huwa nnifsu qal pubblikament: "Sibt tant kbar id-diffikultajiet, li kien hemm bżonn ta' żmien twil, qrati, u appelli biex jintrebħu. Mirbuħa diffikultà, hekku malajr tinħoloq oħra. F'xi mumenti ferħan ħsibt li wasalna, li rbaħna l-impedimenti kollha, li ma ndumux ma nkunu nistgħu nqiegħdu l-ewwel ġebla; u ftit wara l-ferħ jinbidel f'niket, malli nara li għadna fejn konna. Kull impenn, kull sforz li għamilna u li għamlu oħrajn ta' volontà tajba safa dejjem fix-xejn.

L-istorja tad-diffikultajiet għall-bidu ta' din il-knisja hi wisq twila u doloruża. F'dan iż-żmien, intant, bosta knejjes oħra nbnew f'din il-gżira, li tagħhom ħadd ma kellu ħsieb. Anke kontra l-bini tagħhom tqanqlu diffikultajiet. Dawn kontra l-opri t'Alla ma jistgħux jonqsu; imma ntrebħu malajr u l-knejjes inbnew, tkomplew, tlestew u nfetħu għas-servizz t'Alla. U din, li kienet l-ewwel waħda fil-ħsieb u x-xewqa ta' kulħadd, ma setgħetx anqas tinbeda." (41)

Kien ġara nfatti li nqalgħet tilwima bejn il-proprjetarju tal-art ta' madwar il-Knisja u l-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Għarb, li fil-limiti tagħha kienet tinsab il-kappella Ta' Pinu.

Imma, kif jirriżulta mill-korrispondenza tat-12 ta' Mejju, u tat-13 ta' Awissu, 1916, dawk li kienu jippossiedu l-art ta' ħdejn is-santwarju f'din l-epoka wrew rieda tajba: il-Baruni Igino Depiro D'Amico, werriet tal-Markiż Francesco Saverio De Piro kien dispost li jikkonċiedi vantaġġi favur il-bini tal-knisja li kienet proġettata u li jagħti l-art meħtieġa għal dan l-iskop. (42) Xhieda ta' dan l-att ġeneruż hija l-iskrizzjoni fuq lapida ta' rħam li hemm imwaħħla fil-kuridur li jieħu għas-sagristija tas-Santwarju.

Wara li ġew megħluba d-diffikultajiet li semmejna, Dun Ġużepp Portelli li kien ġie nominat rettur Ta' Pinu fl-

1916, insista mal-Isqof Camilleri sabiex jagħti l-permessi għall-bini ta' knisja ġdida u kbira.

Intgħażlet l-pjanta tal-Perit Andrè Vassallo, magħmula fuq stil lombardo-romanesk, li ġiet murija fil-pubbliku f'April, 1919. Ix-xogħol tal-bini kellu jitwettaq ukoll taħt id-direzzjoni tiegħu. Il-Perit Vassallo, minn Ħal-Luqa, ma kienx għamel kors universitarju regolari fl-arkitettura, iżda kien ħa d-diploma ta' Inġinier Ċivili (C.E.) u kien membru tal-Istitut Brittaniku ta' l-Arkitetti (M.I.B.A.). Fl-1887, sar Clerk of Works fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u meta kellu din il-kariga mexxa l-bini tal-iskejjel tal-Ħamrun u tas-Sliema, kif ukoll xi sptarijiet. Għall-ħila teknika tiegħu, fl-1908 irċieva l-warrant ta' Perit minn għand il-Gvernatur Sir H.F. Grant, wara li kienet saritlu rakkomandazzjoni mill-Board tal-Eżamijiet tal-Periti. Xogħlijiet magħrufa tal-Perit Vassallo kienu t-teatru "Principessa Melita" tas-Sliema, id-dar tal-Little Sisters of the Poor tal-Ħamrun, l-isptar tal-Blue Sisters. Peress li kien imsemmi bħala "l-aqwa arkitett Malti" ta' dak iż-żmien, il-bini tal-knisja Ta' Pinu ġie afdat lilu, iżda ma kellux ix-xorti li jaraha lesta għaliex miet fil-21 ta' Jannar, 1928. Huwa kien iddekorat bis-salib tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Girgor il-Kbir, mogħti lilu mill-Papa Piju X. (43)

Il-bennej li ġie mqabbad biex itella' l-knisja Ta' Pinu, kien Vitor Vella miż-Żebbuġ, Għawdex. Huwa twieled fl-1878 u sewwa missieru kif ukoll ħutu, Wiġi, Mikiel, Saver u Toni kienu mħarrġa tajjeb fis-sengħa tal-bini. Vitor kien mgħallem bieżel u ta' ħila kbira. Wara xi żmien li għamel bħala suldat f'Salonika, reġa' lura lejn art twelidu u fl-1919, meta kellu 41 sena, beda x-xogħol fuq il-knisja Ta' Pinu u dam sejjer sakemm temmu bil-kampnar b'kollox fis-sena 1936. Huwa wettaq xi xogħlijiet oħra fil-knejjes ta' Kerċem u tal-Għasri, fil-koppla taż-Żebbuġ u fil-kampnar tal-Katidral. Vitor Vella miet fis-26 ta' Frar, 1956. (44).

L-ewwel ġebla tal-knisja, tqegħdet quddiem folla kbira ta' nies, fit-30 ta' Mejju, 1920. Għamel din iċ-ċerimonja solenni l-Isqof Camilleri u fost il-membri tal-Kleru li ħadu sehem fiha kien hemm ukoll il-Kanoniċi tal-Kapitlu tal-Għarb, u magħhom l-Arċipriet Dun Karm Portelli.

Il-Maltin u l-Għawdxin, fosthom l-imsemmi Baruni, meta bdew jaraw ix-xogħol tal-bini miexi 'l quddiem, taw bil-ġenerożità l-għajnuna tagħhom, hekk li sat-13 ta' Diċembru, 1931, għad li kien jonqos ħafna xi jsir, l-Isqof Mikiel Gonzi, seta' jagħmel il-funzjoni tal-konsagrazzjoni ta' dan it-tempju.



**Ir-ritratt juri l-kappella l-qadima u l-post fejn tqegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida**

Il-knisja l-ġdida kienet lesta mill-bini kollu fit-8 ta' Mejju, 1936. Hija twila 150 pied u wiesa' mitt (100) pied. Il-kampnar li ġie mtella' fuq il-lemin tagħha huwa għoli 154 pied. (45).

**REFERENZI:**


(37) Diskors funebri magħmul minn Mons. Alfons M. Hili fit-13 ta' Diċembru, 1925.

(38) Mons. Arċipriet Alfons M. Hili, "Meditazzjonijiet għall-ħmistax il-erba tal-Madonna ta Pinu", it-tieni ħarġa paġ. 9.

(39) Brevi tas-Santa Sede tal-4 ta' Marzu, 1890.

(40) Mons. Giovanni M. Ċamilleri, Omeliji vol. VIII, paġ. 147.

(41) Ibid. vol. VIII, paġ. 147-148.

(42) Atti ta' Mons. G.M. Camilleri, 1911-1924, paġ. 81, 82.

(43) Dun Ġużepp Micallef, "Ħal-Luqa, Niesha u Ġrajjietha", paġ. 279.

(44) Tagħrif miġbur minn għand ibnu, is-Sur Ġużè Vella Muscat.

(45) Comm. Edgar G. Montanaro: "The Blessed Virgin of Ta' Pinu Sanctuary", p. 25.

# L-Umiltà tal-Madonna u Aħna

Il-Madonna kellha fiha l-milja tal-grazzja, għalhekk il-prerogattivi, id-doni, il-virtujiet u dak kollu li bih ġiet imżejna, f'Marija deher fl-aqwa tiegħu. Il-kobor ta' l-umiltà tagħha jidher jispikka meta naraw il-missjoni tagħha fuq l-art. Marija kienet fil-ħsieb t'Alla qabel il-ħolqien. Diġà hija singulari, għadha ma tweldit u diġà teżisti. Meta mbagħad tiġi fid-dinja, tiġi mmakulata, titnissel mingħajr tebgħa tad-dnub oriġinali

## Ħajja Komuni

Wara dawn il-privileġġi kbar, Marija tgħix ħajja komuni ta' xebba Lhudija. L-egħmejjel kollha tagħha kienu kollha egħmejjel ta' umiltà wieħed akbar mill-ieħor.

Fil-ħajja tagħha fit-tempju, dejjem u f'kollox żammet ruħha ta' l-aħħar fost it-tfajliet sħabha. Tara l-arkanġlu Gabriel u titħawwad meta semgħet minn fommu l-aħbar kbira li mar biex jagħtiha. Meta żguraha li ġiet magħżula sa minn dejjem biex tkun l-Omm tal-Messija bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu, għalhekk kienet ser issir omm u tibqa' Verġni, wieġbet:

"Hekk hu l-qaddejja tal-Mulej, ikun magħmul fija skond kliemek".

Marija ssejjaħ lilha nnifisha qaddejja, waqt li l-arkanġlu jgħidilha li hija l-Omm t'Alla. Mogħnija b'unur hekk kbir u singulari ma taraha xejn bi kbira li taqbad u tmur iżżur lil qaribtha Eliżabetta. Meta Ġużeppi kien ser jitlaqha għaliex ma għarafx il-misteru ta' l-inkarnazzjoni, baqgħet ma wrietux li kienet l-Omm tal-Messija, l-inqas biex tħares il-ġieħ tagħha. Darba biss ħareġ minn fommha kliem fuq l-egħġubijiet ta' grazzi u privileġġi li kienet irċeviet mis-sema: "Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar" u fl-istess waqt ittenni li "ra ċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu."

Marija kienet tgħix dejjem fis-solitudni. Marret tippreżenta lil Ġesù bħalma kienu jagħmlu n-nisa l-oħra. Għalkemm kienet kbira f'għajnejn il-Mulej, dejjem u bl-akbar ħeffa kompliet l-amar tal-qassisin fit-tempju. Meta Ġesù kien jagħmel l-akbar mirakli, u fid-daħla tiegħu trijunfali ġewwa Ġerusalemm, Marija ma tidhirx, iżda meta ġie kkundannat bħala ħati, akkompanjatu lejn il-Kalvarju, biex taqsam miegħu kull xorta ta' tmaqdir, tgħajjir u żeblieħ. Baqgħet miegħu, fejn dehret bħala omm ta' wieħed ikkundannat għall-mewt infami fuq salib bejn żewġ ħallelin.

## Is-Siwi kbir ta' l-Umiltà

U kif setgħet il-Madonna ma tipprattikax l-umiltà meta kienet taf kemm din il-virtù togħġob lil Alla? Mingħajr l-umiltà la jiswew id-doni u l-grazzji kbar, u l-inqas l-ebda ħaġa tajba. Opra l-iktar żgħira magħmula bl-umiltà tiġbed is-simpatija u l-imħabba lejn min iwettaqha.

Kristu jagħmel ħaqq ta' ħniena minn midneb umli, u ħaqq l-aktar aħrax u iebes ma' min hu mimli bih innifsu. Fil-jum tal-ħaqq ma jkunx hemm wieħed biss mill-indannati, tibda minn Luċifru u tispiċċa fl-iċken wieħed, li ma kienx supperv. Kristu jagħti kull grazzja lil dawk li huma umli u fl-istess waqt jiċħadha lis-suppervi. Il-bniedem imneżża' mill-grazzja t'Alla ma jista' jagħmel xejn għajr dnubiet. In-nuqqas ta' għarfien profond tal-virtù ta' l-umiltà jinsab f'ħafna nsara, anke f'dawk li jidhrilhom li huma erwieħ tajba.

ikompli f'paġna 255

# *Sidtna Marija Ta' Pinu*

Ġo l-egħlieqi li jħaddru bl-egħlejjel
qalb il-fwieħa tal-fjur mimli lwien,
Għawdex kellu daqsxejn ta' kappella,
id-dar ċkejkna ta' Sidt il-ħolqien.

W għalkemm ħabbtu l-imwieġ fuq ħitanha,
baqgħet wieqfa u soda maż-żmien,
għax Marija xtaqitha minn dejjem,
tatha l-għożża, l-imħabba, il-ħarsien.

O Marija, x'imħabba ta' l-għaġeb
ġewwa qalbek għalina rabbejt;
U xi ħniena w mogħdrija minn dejjem
għal uliedek imsejkna ħassejt!

Kemm-il darba, Omm ħanina, qlajtilna
mingħand Ibnek il-maħfra tad-dnub!
Kemm għallimtna biex qatt ma nitbiegħdu
mill-imħabba ta' Kristu l-maħbub!

Ħajr minn qalbna rroddulek, Marija,
f'isem kollha kemm huma l-bnedmin:
inwegħduk li ġo qalbna jitnaqqax
l-Isem tiegħek sat-temma tas-snin!

Għodwa waħda fil-qilla ta' Ġunju,
xebba twajba mill-Għarb, Karmni Grima,
għaddiet qrib tal-kappella fejn dejjem
kienet tidħol biex titlob bil-qima.

U f'ħin minnhom kellmitha s-Sinjura
u qaltilha tgħid talba fis-skiet
f'ġieħ il-jiem illi damet fil-qabar
qabel telgħet fis sebħ tas-Smewwiet.

Minn dil-ġrajja li qanqlet lil Għawdex,
u li messet il-qlub tal-Maltin,
ridt tgħallimna, Marija, x'jiswielna
'k ngħixu l-ħajja ta' l-umli, fqajrin.

Alla ried sa mill-bidu jinqeda
bin-nies dgħajfa u ċkejkna fil-qalb,
bnedmin safja fil-ħsieb u fil-kelma,
nies tal-ġabra mhedija fit-talb.

Omm ħanina, seddaqna b'kull qawwa,
u agħmilna bħal Karmni twajbin
ħalli nwasslu għal dejjem il-bxara
ta' l-imħabba lil ħutna l-bnedmin!

Għadda ż-żmien u l-aħbar xterdet sewwa
ma' ta' Malta u t'Għawdex l-irjieħ:
in-nies tkebbset u xtaqet li tiġi
sabiex tagħti 'l Marija kull ġieħ.

U l-Omm ħelwa b'idejha miftuħa,
b'fomm ta' l-għasel jitbissem kull ħin,
tixtieq tross ma' sidirha kull ħlejqa
waqt li tgħoddha ma' l-Anġli safjin.

Sejjaħ għandek, Marija, l-imnikkta,
lill-midinba li tbiegħdu mis-sewwa,
itfa' fuqhom il-ħarsa ta' faraġ,
bexxaq fommok, kellimhom bil-ħlewwa.

Ibqa' ħares għal dejjem w indokra
lil dil-Gżira l'għażilt biex tkun tiegħek,
tħalli 'l ħadd jinsa l-kobor ta' mħabbtek
jew jinfired xi darba minn miegħek.

Jekk fl-imgħoddi, Omm Verġni Marija,
l-oħrajn ġew biex jagħtuk it-tislima,
aħna niġu u nibqgħu sa l-aħħar
minn qiegħ qalbna nagħtuk l-ogħla qima!

***KAN. J. MEJLAK.***

# IS-SAĦĦARA TAL-FGURA

**NOVELLA TA' J.C.**

Imperrċin fuq dak is-sies għoli f'Taċ-Ċawla 'l ġewwa minn San Mitri, Wiġi Lablab u ħatnu Wenzu, imlaqqam il-Fidil, kienu f'lejla ta' Ġunju, għall-aħħar tas-snin elf u tmien mija, qed jistadu għall-kaħli forsi jaqbdu ħuta għall-familja u forsi wkoll idabbru xi tliet karlinijiet mill-bejgħ tal-ħut lis-sinjuri tar-Rabat.

Wiġi, laqmu miegħu, kellu lsienu jieklu u ma kienx jehda jlablab u jħarref u jivvinta fuq dak u fuq l-ieħor waqt li Wenzu, ħu martu Anni, kien raġel sewwa u minn tagħna u ma kienx jieħu gost jisma' min jerfa' salib in-nies. Għalhekk kien il-ħin kollu bil-kelma t-tajba jsikket lil Wiġi u jgħidlu biex jostor u mhux jinfama lil dak u lil dik. Imma Wiġi, biex jinki lil Wenzu, kien iżjed jivvinta u jħammeġ lil kull min kien jiġi f'ilsienu, speċjalment qassisin. Fl-aħħar, Wenzu ddejjaq u qal lil Wiġi: "Mhux aħjar nerfgħu salibna u n-nies inħalluhom bi kwiethom, Wiġ?" Donnu Wiġi dak li kien qed jistenna u kompla jiżżufjetta: "Jaqaw dik tal-Fgura qaltlek hekk?...għax bilħaqq qaluli li rawk titkellem ma' dik is-saħħara tal-Fgura...dik hemm...dik li qalu li tara x-xjaten hemm taħt ta' Għammar..." Issa se taqbad ma' Ta' Pori wkoll?...baqa' ma' min taqbad?...ħsiebek hemm forsi l-Bambin jipprovdi ratal ħut u mmorru 'l hemm għax dalwaqt jibda jisbaħ", gerger Wenzu. "Tibżax, Wenz, baqa' għall-paternoster u tilħaqha ta' l-ewwel...tilħaq tmur tara ftit lil dawk tad-dublett iswed...għax int tmut sobbtu eh jekk ma tmurx tittawlilhom ftit kull filgħodu u filgħaxija" reġa' zieku Wiġi. Wenzu ma rħelux u: "Wiġ, dan kif sirt ma temmen b'xejn, ħsiebek biex twaqqa' l-affarijiet t'Alla għaż-żufjett?" "U mela jien baħnan bħalek Wenz, jew bħal oħtok Anni?...moħħkom biss fil-knejjes u qassisin, dawk il-qabda ħallelin li jridu jgħixu minn fuq dahar ħaddieħor". Wenzu deherlu li aħjar joqgħod kwiet biex ma jkomplix jisma' kliem faħxi u dagħa għax bejnu u bejn ruħu beda jaħseb li Wiġi kien invażat.

Imma dak is-skiet lil Wiġi donnu żiedlu l-kuraġġ u reġa' beda jogħrok lil Wenzu: "Taf meta nibda nemmen jien, Wenz, meta nara lil dawk li jilgħabuhavtat tajbin, bħal dik tal-Fgura u l-qassisin li jidħlu għandha baxx baxx bil-lejl, maħruqin f'nofs ta' pjazza...hemmhekk biss nibda nemmen jien...taf li dik mikluba ma' tas-setta, hi, ħutha, u dawk it-taparsi qassisin twajba li jmorru għandha?...Taf li kultant jisimgħuhom idoqqu u jgħannu u jċekċku t-tazzi tal-inbid?...Int veru fidil taf...xi ħsibtli jmorru jagħmlu għand dik il-mingħula tal-Fgura dawk li quddiem in-nies jilgħabuha tat-tajbin?...u intkom il bħanan temmnu u tibilgħu l-ħmerijiet tal-Madonna u mhux Madonna...naħseb jien din il-Madonna tagħkom f'dik il-ġirna ta' Għammar se tmur tidher..."

Kien hekk qed jobżoq dan il-velenu meta nstemgħu passi tqal mgħaġġla u vuċi ta' raġel bla nifs: "Wiġi...Wiġ...Wenzu...fejn intkom?...ejjew malajr għax Anni ħassha ħażin."

***        ***        ***        ***        ***

Dik is-sena, iżjed minn snin oħra, kienet għamlet tagħha l-marda tad-deni rqiq. Kienet marda li tħallik bla saħħa u ma setgħu jsibu tarfha b'xejn. U lanqas ħadd ma kellu l-iċken ħjiel x'kien qed jikkaġuna din il-marda. Kieku għajdut kien hawn kemm trid. Difatti, beda jingħad li l-marda kienu ġabuha magħhom is-suldati u baħrin ingliżi mill-Afrika. Uħud qalu li ġiet mal-qamħ minn Sqallija. Kien hemm min ħaqqaħ li l-mard kien ġie minn Tuneż mal-ġwież. Iżjed għorrief taw it-tort lill-inbid ta' Marsilja. U ħafna għajdut kulħadd kif kien ħaseb hu avolja l-marda kienet ilha hawn minn żmien żemżem. Imma aktarx li l-marda kienet ħakmet sew minħabba li għal sentejn fuq xulxin ix-xita kienet skarsa u naqas l-qamħ għan-nies u l-magħlef għall-bhejjem li kienu jipprovdu l-ħalib. U jekk iddagħjfu l-bhejjem li kienu jipprovdu l-ikel bilfors jiddgħajfu n-nies u jimirdu. Riedu u ma riedux, in-nies kellhom jirrassenjaw ruħhom u fuq fomm kulħadd kienet tinstema' l-frażi "Dawn kastigi t'Alla minħabba dnubietna", avolja ħadd ma kien jammetti li hu kien ħażin.

Il-qarrej induna li kienet din il-marda li kienet ħakmet lill-mara ta' Wiġi Lablab u billi Anni kienet marradija u dgħajfa minn qaddisha, ftit ħalib tal-mogħża marida kien jonqosha biex l-marda tiggranfa magħha. Anni li sa fil-għaxija ma kellha xejn, bdiet tistordi u tirremetti u tard bil-lejl bdiet thewden u tintilef minn sensiha. Billi Wiġi kien mar jistad, it-tifla Marija ta' seba' snin sabet ruħha weħidha u mwerwra ħarġet twerżaq fis-setaħ. Il-ġirien daħlu jiġru u raġel ta' qalbu tajba li min jaf Wiġi kemm kien qal affarijiet fuqu, telaq jiġri lejn taċ-Ċawla jfittex lil Wiġi u Wenzu billi kien jaf li kienu s-soltu jmorru hemm għall-kaħli.

Anni damet ġimgħa bid-deni jilgħab tiela' u niezel u safra mewt. Għalxejn it-tabib sqieha minn kull xorta ta' duwa għax ma riedet tieħu r-ruħ b'xejn. Ma baqgħet titrejjaq b'xejn għax bdiet tirriġetta kull ma bdew jisquha. Bdiet sejra lura bis-sigħat u minn taħt l-ilsien kulħadd beda igħid li "Anni waslet għal Taż-Żejt". Fl-aħħar tal-ġimgħa, it-tabib qal lill-Arċipriet biex jipprepara lill-Anni għall-aħħar vjaġġ. Is-Sibt, ftit wara d-disgħa ta' fil-għodu, instemgħet il-qanpiena tal-Vjatku u kien wasal Ġesù, kif bdew igħidu l-ġirien, biex jieħu miegħu lit-twajba Anni.

***        ***        ***        ***        ***

San Ġwann kien ilu xi tlitt ijiem jew erbgħa li għadda u xi bajtra kienet bdiet tonfoħ. Karmni kienet marret l-għalqa taħt Ta' Sdieri fejn kellhom ftit siġar tal-bajtar bil-ħsieb li tlaqqat żewġ frottiet għal ħutha li kienu jaħsdu x-xgħir fuq ix-xaqliba l-oħra u tagħti xi tnejn ukoll lil dik ix-xiħa li hi kienet tħobb tmur tagħmlilha xi faċenda. Imma ħej għalkemm Karmni damet tixxabbat ħafna mas-siġar u tfittex qalb il-friegħi u tiftaħ il-weraq, irnexxielha ssib bajtra waħda biss misjura. "Basta sibt waħda għax-xiħa miskina", u poġġietha fil-bixkilla biex l-ewwel titla' bħas-soltu lejn dik il-kappella tinvista l-Madonna u wara tibqa' sejra għand ix-xiħa. Kienet diġà qabdet il-passaġġ li mill-wied jagħti lejn t'Għammar meta: Tannn....Tannn....Tannn....bdew jinstemgħu t-tokki ta' swied il-qalb ħerġin mill-fustana tal-knisja tal-Għarb. Karmni bħal inħasdet u: "xi ħadd agunija" qalet bil-mod u hi u tiela' lejn il-kappella bdiet titlob lil San Ġużepp biex jieqaf ma' dak il-proxxmu li kien wasal biex jidher quddiem il-Ħallieq tiegħu. Taħseb min seta' kien qiegħed imut, malajr waslet fejn il-kappella fejn baqgħet miblugħa u ma rieditx temmen lil għajnejha.

Għarkubbtejha quddiem il-bieb tal-kappella kien hemm daqsxejn ta' tifla tibki u tolfoq bil-fjuri f'idha. Kif għaddietilha ftit id-dehxa, Karmni telqet il-bixkilla fl-art, ġriet għal fuq it-tifla, refgħatha, ixxuttatilha d-dmugħ u bil-ħlewwa staqsietha: "Hawn x'int tagħmel ċkejkna?....Għax qed tibki?....xi ġralek?" "Għax ma nistax niftaħ il-bieb" irrispondiet it-tifla b'qalbha maqsuma, "għax ommi...ommi sa tmut...u jien ġejt nitlob lil din il-Madonna...din il-Madonna tal-Anġli....biex ommi ma tmutx...." "U inti jaħasra min qallek li ommok sa tmut?" sabbritha Karmni. "Iva sa tmut" għajtet it-tifla, "naf li sa tmut għax kulħadd qed jibki d-dar...anke l-barba Wenzu u z-zija Ċetta...m'intix tismagħha dik il-qanpiena?....dik għax ommi sa tmut qegħda ddoqq...", u kompliet tixgħer u tibki ta' tarbija li kienet.



Karmni kompliet iżżiegħel bit-tifla, imbagħad staqsietha ta' min kienet biex tmur teħodha d-dar. "Ta' Anni", irrispondiet it-tifla. Xi ħadd kien qalilha li Anni ta' Lablab kienet marida imma qatt ma kien għaddielha minn moħħha li kienet waslet fl-aħħar. Imbagħad, waqt li mellset xagħar it-tifla, staqsietha: "Allura inti ġejt waħdek hawn?" "Iva, ġejt nigri...lil ħadd m'għidt...għax il-barba Wenzu qalli li l-Madonna biss tista' tfejjaq lil ommi... u jien ġejt nitlobha...imma ma stajtx nifthu l-bieb...u bdejt nitlobha minn barra..." "Sewwa, sewwa, binti, il-Madonna tismagħna minn kullimkien..." qaltilha Karmni waqt li qabżitilha demgħa u waqt li tbaxxiet ġabet muftieħ minn taħt ġebla u fetħet il-bieb. It-tnejn daħlu ġewwa u "issa ejja nitolbu lill-Madonna biex ommok tfieq", stiednet Karmni lit-tifla. Imma t-tifla ma kienx baqagħlha saħħa u ntelqet għaxja fl-art. Karmni poġġietha tistrieħ minduda mill-aħjar li setgħet, imbagħad niżlet għarkubbtejha, ħarset lejn il-Madonna, fetħet idejha u talbet: "O Omm tagħna tas-Sema, isma' l-biki u ara l-fidi tal-innoċenti. Jekk int O Madonna ma tilqax it-talba ta' min hu safi bħall-Anġli, kemm inqas ser tilqa' t-talba tagħna midinbin. M'inhiex dehen li nitolbok għax midinba, imma isma' l-karba ta' min ma jafx x'inhu

ħażen. Fejjaqha lil din il-marida, O Tama tagħna, biex niesna jagħrfuk u lkoll nisimgħu s-sejħa tiegħek minn dan l-Imkien Qaddis u niġu għandek u nagħrfuk u Inti, O Madonna, issaffina minn ħtijietna u mill-ġdid insiru wliedek u inti teħodna għand l-Iben tiegħek u tissebbaħ Int u jissebbaħ Ibnek u ngħixu magħqudin fl-imħabba ta' xulxin u fostna jsaltan is-sliem."

Kif spiċċat it-talba ħierġa mill-qalb, instama' riħ qawwi u t-twajba fehmet li dan kien sinjal tal-Madonna. Baxxiet rasha b'qima u b'radd il-ħajr, imbagħad refgħet it-tifla mill-art, ħarġitha barra u bil-ħlewwa bdiet tgħidilha: "Qum ċkejkna, qum...agħmel kuraġġ". It-tifla għaddielha f'daqqa u Karmni qaltilha "Issa ħu din il-bajtra" filwaqt li tatha f'idha dik il-bajtra waħdanija li kienet sabet "u mur iġri d-dar u agħtiha lil ommok, l-Anġlu Kustodju jieqaf miegħek". It-tifla ħatfet il-bajtra u diġa' kienet ser titlaq tiġri meta ġieha f'moħħha tistaqsi lil Karmni "Inti min inti mara?". Karmni bid-daħka, pespsitilha xi ħaġa f'widintha li t-tifla dehret li ma fehmitx. It-tnejn tbissmu lil xulxin u t-tifla telqet tiġri bħar-riħ ferħana lejn id-dar, ftit 'l isfel mill-knisja, fejn waslet xi kwarta wara.

Għalkemm fid-dar ħlief biki u talb ma kienx jinstama', it-tifla ma tat każ ta' xejn, anzi żgiċċat liz-zija Ċetta li ppruvat terfagħha, u baqgħet tiela' tiġri fejn is-sodda tal-mewt u messet il-bajtra ma' xofftejn ommha. Oħroġ il-għaġeb, ommha li diġa' kienet magħduda b'mejta, tbissmitilha u mat-tbissima wiċċha beda jixgħel u jieħu l-kulur ħelu ħelu. Anni qalbet għall-aħjar. F'daqqa waħda waqa' skiet perfett għax kulħadd tbikkem. Fl-aħħar Wiġi, li issa kien daħal f'qoxortu, għannaq lil bintu miegħu, u aktar bis-sinjali milli bil-kliem, staqsa lit-tifla mnejn kienet ġabet dik il-bajtra. It-tifla innoċentament, wieġbet: "tathieli waħda li qalet li jisimha s-saħħara tal-Fgura".

Ftit ġranet wara, l-Għarb bi ħġaru nġabar fil-pjazza ta' quddiem il-knisja u minn hemm mexa f'pellegrinaġġ lejn t'Għammar għal dik il-kappella tal-Madonna. Quddiem nett kien hemm Wiġi bis-Salib tal-Via Sagra f'idejh, bid-dmugħ nieżel minn għajnejh u ħdejh kien hemm bintu b'qoffa fjuri f'idejha u bi tbissima ta' Anġlu fuq xufftejha.

## Ir-Rużarju: Talba Rakkomandata mill-Papiet (2)

Ħuti għeżież, issa rridu li nieqfu ftit fuq it-tiġdid ta' dik il-qima li ssejħet "il-ġabra ta' l-Evanġelju kollu": il-kuruna ta' l-Imbierka Verġni Marija, ir-Rużarju. Għal dan, il-Papiet ta' qabilna taw l-għaqal u l-ħsieb tagħhom. Ħafna drabi ħeġġew biex jingħad spiss, u li jinxtered aktar, fittxew li jfissru n-natura tiegħu, għarfu s-siwi tiegħu biex jimxi 'l quddiem it-talb tal-moħħ (Kontemplazzjoni), talb ta' tifħir u għall-għajnuna fl-istess ħin, u fakkru l-qawwa tiegħu biex tixtered il-ħajja nisranija u l-ħidma ta' l-apostolat. Aħna wkoll, sa mill-ewwel udjenza ġenerali tal-Pontifikat tagħna fit-13 ta' Lulju, 1963, urejna r-rispett kbir tagħna għar-Rużarju. Minn dak iż-żmien sħaqna fuq dan il-valur f'ħafna drabi kemm ordinarji u kemm ukoll speċjali, bħal meta fi żmien in-niket u dubju ħriġna l-Enċiklika "Christi Matri" biex indawwru t-talb tagħna lejn l-Imbierka Verġni tar-Rużarju biex titlob 'l Alla l-aqwa ġid, il-Paċi.

*(Papa Pawlu VI **"Marialis Cultus":** Parg 42).*

## Rubrika Ġdida miftuħa għall-Qarrejja

# MARIJA FIL-ĦAJJA TIEGĦI

Nistiednu lill-qarrejja biex jibagħtulna bil-miktub xi esperjenza li għaddew minnha f'ħajjithom li fiha ndaħlet il-Madonna b'xi grazzja speċjali jew xi għajnuna li rċevew minn għandha f'xi mument diffiċli tal-ħajja tagħhom. Din tista' tkun xi sitwazzjoni mwiegħra, anke interjuri, li fiha dehret l-interċessjoni ta' Marija. Ikunu ferm milqugħa xi esperjenzi ta' apostolat li fihom tidher l-għajnuna speċjali ta' Marija. Kulħadd — saċerdoti, lajċi mpenjati fl-apostolat u oħrajn — jistgħu jekk ikollhom anke xi esperjenza bħal din jgħadduhielna għal din ir-rubrika.

* Min jikkontribwixxi għal din ir-rubbrika jeħtieġ jiffirma u jagħmel l-indirizz tiegħu għalkemm l-isem ma jiġix ippubblikat jekk ma jkunx irid il-kittieb.

Hekk ser nibdew kolonna ġdida fir-rivista li nsemmuha: MARIJA FIL-ĦAJJA TIEGĦI. Din tista' tkun ta' inkoraġġiment għal min jaqra u jkun att ta' gratitudni lejn il-Madonna min-naħa ta' min jikteb.

* Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk:

"MARIJA FIL-ĦAJJA TIEGĦI",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu,
Għawdex.

# Religjuzi Agostinjani Devoti tal-Madonna Ta' Pinu (3)

Minn P. SERAFIN BORG O.S.A.

# MONS. ĠWANNI M. CAMILLERI

## Isqof ta' Għawdex

## 1889 - 1925



Wieħed mill-isbaħ monumenti li ħalla warajh Mons. Ġwanni M. Camilleri, bħala Isqof fil-Gżira Għawdxija, hu meta hu qiegħed u bierek l-ewwel ġebla tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, fit-30 ta' Mejju, 1920. Monument dejjem ħaj u li juri x-xhieda ta' mħabbtu lejn il-Madonna. Ismu hu u jibqa' marbut b'rabta dejjiema mas-Santwarju ta' Pinu.

Meta Mons. Camilleri wasal fostna, bħala Isqof fl-1889, il-qagħda tal-Kappella tal-Madonna ta' Pinu kienet waħda li ġġiblek tassew ħasra. (1) Iżda d-devozzjoni lejn il-Madonna kienet imxerrda. Tant li nħasset il-ħtieġa li tinbena knisja ġdida u kbira biex tilqa' ġo fiha dawk il-fidili li jmorru sabiex jagħtuHa l-qima sinċiera u devota tagħhom. (2)

Dan l-Isqof Agostinjan flimkien ma' oħrajn, għamel ħiltu kollha biex jitla' proġett ta' tempju ta' ġmiel u ta' devozzjoni li jkun jixraq lill-Madonna, li hu tant kien iħobb. Din ix-xewqa qaddisa kien stqarrha hu stess fl-okkażjoni tat-tqegħid u tat-tberik tal-ewwel ġebla tas-Santwarju Marjan b'dan il-kliem: **"Malli ġejt hawn fostkom, wieħed mill-ewwel ħsibijiet tiegħi kien li nfittex ntellgħu din id-dar t'Alla għall-Glorja Tiegħu u tal-Imqaddsa Ommu Marija."** (3)

Ħadd ma jista' jfisser u jgħid minn x'hiex għadda, u dawk ta' madwaru, biex twettqet xewqtu fl-imsemmi proġett. Alla waħdu biss jaf. Għalkemm Mons. Camilleri ma kellux ix-xorti li jara b'għajnejh it-tmiem tas-Santwarju, dejjem jibqa' l-fatt li dawk kollha li ħadmu bla mistrieħ biex jinbena dan it-tempju majestuż u devot, kien hu li ta bidu biex jiġi mibni dan il-monument ħaj fil-Gżira Għawdxija.

Mons. Ġwanni M. Camilleri kien iħobb il-Madonna b'imħabba tal-għaġeb. Ħadem

bla waqfien biex ixettel, iqajjem u jxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu. Kien "hu stess l-ewwel wieħed li kien jagħti l-eżempju fit-tixrid tad-devozzjoni, billi hu kien imur ta' sikwit biex jagħti l-qima tiegħu lejn ix-Xbieha Mirakuluża tal-Madonna". (4)

Illum, b'ħidma iktar organizzata u bil-koperazzjoni ġeneruża ta' kulħadd, għandna Santwarju li hu tassew ċentru ta' devozzjoni, Santwarju popolari mat-turisti. F'kelma waħda, is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu huwa ġawhra prezzjuża fil-Gżira ta' Għawdex.

Għalkemm Mons. Ġwanni M. Camilleri f'Lulju tas-sena 1924 ħalla d-djoċesi ta' Għawdex u ngabar fil-kunvent ta' Santu Wistin, ir-Rabat, Malta, hu baqa' miġbud u marbut mas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, sa l-aħħar nifs ta' ħajtu. Hu ħalla din l-art ta' dmugħ fis-7 ta' Diċembru, 1925, fil-kunvent tagħna tar-Rabat, Malta, fil-għomor ta' 82 sena, 8 xhur u 24 ġurnata. (5)

B'turija ta' rispett lejn il-figura għarfa u qalbiena tiegħu, fid-29 ta' Diċembru, 1973, ġie mwaqqaf u mbierek monument f'ġieħu u li fih jinsab l-aħħar fdal tiegħu, fil-Katidral ta' Għawdex.

Mons. Ġwanni M. Camilleri kien ragħaj imżejjen bi tjubija, b'għerf, b'enerġija, b'determinazzjoni u fuq kollox bi prudenza. U dawn il-kwalitajiet għamluh maħbub matul il-35 sena veskovat tiegħu fil-Gżira ta' Għawdex.

Kelma ta' tifħir u ta' radd il-ħajr, nixtieq u rrid ngħid minn qiegħ qalbi, lil dawk kollha li ħadmu ħafna biex isir dak il-monument f'ġieħ Mons. Camilleri li jibqa' magħruf għall-omeliji sbieħ u mirquma li kien jagħmel.

**RIFERENZI:**

(1) Cfr. **Can. Teol. D. G. Farrugia, La Beata Vergine "Ta' Pinu" in Gozo.** Malta, 1891, paġ. 9.

(2) Cfr. **Mons. Ġwanni M. Camilleri O.S.A., Isqof ta' Għawdex,** Progress Press, 1973, paġ. 40.

(3) Cfr. **Mons. Camilleri, Omeliji** Vol. VIII, p. 147.

(4) **Diskors funebri ta' Mons. A.M. Hili** li kien għamel fuq Mons. Camilleri fit-13 ta' Diċembru, 1925.

(5) Cfr. **Ark. Kunvent S. Wistin, Rabat,** Għawdex, **Lib. Cirkolari e Lettere Officciali,** pag. I.

***Il-Verġni Mbierka, flimkien mal-inkarnazzjoni tal-Verb Divin, predesinata mill-eternità bħala Omm Alla, b'rieda tal-Provvidenza Divina kienet fuq din l-art ħanina l-Omm tal-Feddej divin, sieħba ġeneruża mill-aktar eċċezzjonali, u qaddejja umli tal-Mulej. Bil-Konċepiment ta' Kristu, billi ġabu fid-dinja, kabbritu, ippreżentatu lill-Missier fit-Tempju, batiet ma' Binha fuq is-Salib, b'danakollu kkoperat b'mod l-aktar speċjali fl-opra tal-Feddej, bl-ubbidjenza, fidi, tama, u l-imħabba qawwija, biex terġa' ġġib il-ħajja sopranaturali fl-erwieħ. Għal dan kollu kienet għalina għajnuna u omm fl-ordni tal-grazzja.***

*("Lumen Gentium", parg. 61).*



# X'INHU L-MILIED?

*minn*

P. BONAVENTURA M. CAMILLERI O.F.M. Conv.

Il-Milied huwa t-tifkira ta' l-ikbar ġrajja li qatt ġrat u li qatt setgħet tiġri fl-istorja tad-dinja u ta' l-umanità:

**ALLA JSIR BNIEDEM!**

Ix-xitan, l-għajn tal-gideb, lil Adam u lil Eva, biex iħajjarhom jieklu mill-frott tas-siġra projbita, qallhom: **"U intom tkunu allat oħra"** (**Ġen.** 3, 5). U Alla, Għajn l-imħabba u l-ħniena, din id-daħka tad-demonju għamilha rejaltà, għamilha fl-Ewwel Milied l-aqwa rejaltà ta' l-istorja: **"U l-Verb sar bniedem u għammar fostna"** (**Ġov.** 1, 14)!

**Ġrajja u mhux ħrafa:**

Le, il-Milied mhux ħrafa, imma huwa ġrajja, ġrajja mill-aqwa. Għaliex mhux ħrafa l-Milied? Għax kull ħrafa dejjem tibda hekk: 'Darba waħda, żmien ilu, kien hemm f'ċertu pajjiż, sultan kbir...'; hekk tibda u hekk tkompli l-ħrafa, kull ħrafa; la nafu preċiżament iż-żmien, meta u fejn u minn min; kollox imdendel fl-ajru. Waqt li l-Milied, l-Ewwel Milied, nafu meta sar u fejn sar u minn min; għandna dwaru d-dettalji kollha, l-elementi kollha li jifformaw il-vera ġrajja, il-vera storja. Difatti, l-akbar storiku tat-Testment il-Ġdid, l-Evanġelista San Luqa, jibdiha hekk il-ġrajja ta' l-Ewwel Milied: **"Dak iż-żmien ħareġ digriet minn għand Ċesri Awgustu biex isir ċensiment fid-dinja kollha. Dan kien l-ewwel ċensiment li sar meta Kirinu kien gvernatur tas-Sirja. U kulħadd mar biex jinkiteb, kull wieħed fil-belt tiegħu. Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, u tela' l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlehem — għax hu kien mid-dar u l-familja ta' David — biex jinkiteb flimkien ma' Marija l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. Ġara li, meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u tat lid-dinja l-ewwel iben tagħha; fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda".** (2, 1-7)

Hawn għandna ħafna dettalji storiċi; għandna ż-żmien, meta cioè Awgustu kien jaħkem fuq id-dinja kollha; għandna wkoll



imsemmi Kirinus, il-gvernatur ruman tas-Sirja, li minnha kienet tiddependi direttament u politikament il-Palestina. Igħidilna Luqa min kienet Omm Ġesù: Marija, l-Għarusa ta' Ġużeppi; u min kien dan Ġużeppi u mnejn kien: kien ir-raġel ta' Marija, mid-dar u mill-familja ta' David, kien cioè mir-razza, min-nisel tar-rejjiet tal-Lhud; u jsemmi wkoll Luqa r-raġuni talli Ġużeppi mar il-Lhudija, preċiżament fil-belt ta' Betlehem, il-belt ta' David, minħabba ċ-ċensiment ta' Awgustu. U Luqa mhux biss isemmi l-belt, fejn twieled Ġesù, imma jsemmi wkoll il-post preċiż: **il-maxtura.** U kemm huma espressivi l-kelmiet li kiteb Luqa biex jesprimi t-twelid ta' Ġesù: **"Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u tat lid-dinja l-ewwel iben tagħha; fisqietu u medditu f'maxtura"!** Ħaġa li għandha tiskantana dwar l-istoriċità tat-twelid ta' Ġesù hija din: li Luqa jsemmi wkoll, bid-dettalji kollha, it-tnissil Tiegħu; igħidilna difatti: **"Fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-xebba kien jisimha Marija...Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù...L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla...Imbagħad qalet Marija: Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek"!** (1, 26. 31. 35. 38).

**L-Ikbar u l-Isbaħ Storja:**

Il-Milied huwa l-ikbar u l-isbaħ storja tad-dinja: Alla jsir bniedem, isir veru bniedem, jixbahna f'kollox, barra mid-dnub. Għaliex barra mid-dnub? Għax Ġesù tnissel mill-Immakolata, minn Dik li hija l-**mimlija bil-grazzja**; tnissel ukoll bil-virtù, cioè bil-qawwa, bil-qdusija, bl-imħabba ta' l-Ispirtu s-Santu. U ma ninsewx: Ġesù huwa persuna divina, huwa l-Iben il-Waħdieni ta' Alla: **"u l-Verb sar bniedem u għammar fostna"**, jaċċertana l-evanġelista San Ġwann (1, 14). Dan hu l-Milied: Alla, li huwa bla bidu u bla tmiem, jidħol u

jingħalaq fi trufijiet iż-żmien; Alla, li jista' kollox u li m'għandu bżonn ħadd, jitwieled tarbija, li jkollha bżonn ta' kollox; Alla, li hu minn Alla, fil-milja taż-żminijiet, jitwieled ġewwa maxtura; Alla, li kollox jaf u jara, jibda jirraġuna bħalna u magħna; Alla, li totalment huwa spirtu, jitlibbes b'ġisem bħal tagħna; Alla, li kollox minn idejh ħareġ — smewwiet, u dinjiet — jitwieled ġewwa għar, fuq ftit tiben; Alla, li huwa l-istess qdusija, jitgħabba bid-dnubiet kollha tagħna; Alla, li huwa ferm il-bogħod minn kull dell ta' ħtija, jitgħakkes bil-kastigi tal-ħtijiet kollha ta' l-umanità; Alla, li huwa wisq għola mill-anġli, jinżel u jitbaxxa sal-livell ta' dudu ta' l-art; Alla, li huwa s-Sinjur ta' kollox u ta' kulħadd, jagħżel li jmut għalina, u jmut għalina bl-agħar mewt, b'dik tas-Salib; Alla, li jirfes u jaqbeż fuq il-kwiekeb u x-xmux, għal tlitt ijiem jinħeba ġewwa ċ-ċokon u d-dlam ta' qabar misluf!

**Dan hu l-Milied:**

Ġesù Kristu: veru Alla u veru Bniedem; l-Iben Waħdieni ta' Alla u l-Iben Waħdieni ta' Marija Verġni; huwa l-wirja u l-espressjoni konkreta ta' l-ikbar imħabba li għandu Alla lejna u l-wirja u l-espressjoni ħajja ta' l-isbaħ imħabba tagħna lejn Alla; huwa l-isbaħ rigal li seta' s-Sema jagħmel lil artna, u l-aqwa rigal li setgħet artna toffri lis-Sema: għax Ġesù huwa l-frott tat-tnejn: tas-Sema u ta' l-art; huwa l-isbaħ frott tas-Sema: **"Verbum Dei"**; u l-isbaħ frott ta' l-art: **"caro factum"**! Dan hu l-Milied: l-isbaħ frott tas-Sema jsir l-isbaħ frott ta' artna: **"U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità"** (Ġov. 1, 14).

Il-Milied huwa l-ikbar festa li s-Sema għamel u jibqa' jagħmel lid-dinja tagħna: **"La tibżgħux"**, qal l-anġlu lir-ragħajja ta' Betlem, **"għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li sa jkun għall-poplu kollu. Illum, fil-belt ta' David, tweldilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. U bħala sinjal ikollkom dan: issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura. F'daqqa waħda ngħaqdu ma' l-anġlu għadd kbir ta' qtajja tas-sema, ifaħħru lil Alla u jgħidu: Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba!"**

## Marija Tinterċedi għall-Għaqda tal-Insara

*Għal dan il-Konċilju Mqaddes, hu ta' ferħ u konsolazzjoni kbira li hemm anki fost l-aħwa mifrudin dawk li jagħtu l-unur li jixraq lill-Omm tas-Sinjur u s-Salvatur, speċjalment fost l-Orjentali, li jikkonkorru biex jivveneraw 'l Omm t'Alla dejjem Verġni, b'effett qawwi u b'devozzjoni ta' ruħ. Il-fidili kollha jgħollu talb ħerqan lill-Omm t'Alla u l-Omm tal-bnedmin; mgħollija fuq il-qaddisin u l-anġli kollha, fil-kommunjoni tal-Qaddisin tidħol ma' Binha sabiex il-familji kollha tal-gnus, kemm dawk magħrufin bl-isem ta' nsara kif ukoll dawk li ma jagħrfux s'issa l-Feddej, f'paċi u ftehim ikunu magħqudin f'hena bħala poplu wieħed t'Alla, għall-glorja tas-Santissima u indiviża Trinità.*

*("Lumen Gentium", 69).*

IL-BORD EDITORJALI

TAR-RIVISTA

# "MADONNA TA' PINU"



JIXTIEQ

MILIED HIENI

U SENA ĠDIDA MIMLIJA RISQ

LILL-QARREJJA KOLLHA

U LILL-BENEFATTURI

TAS-SANTWARJU TA' PINU.

# The Church, entrusted to Mary proclaims hope to all mankind



*On Tuesday afternoon, the Solemnity of the Immaculate Conception, the Holy Father travelled from Piazza di Spagna to the Basilica of St Mary Major where he celebrated Mass. After the reading of the Gospel, he preached the following homily.*

1. "With God nothing is impossible..." (Lk 1:37).

The Church, in today's liturgy, has recourse to these words, wishing to honour the mystery of the Immaculate Conception of Mary. She has recourse to the words of the annunciation, to the words of Gabriel whose name means: "God is my power".

It is not precisely God's omnipotence, the infinite power of his love and his grace, that are announced by this extraordinary messenger? And together with him the whole Church announces them in a certain way, continually listening to the words of his announcement and repeating them many times: "With God nothing is impossible".

Only with that loving omnipotence, only with the infinite power of love, can the fact be explained that God-the-Word, God-the-Son becomes man. Only with loving omnipotence, only with the inscrutable power of God's love, can the fact be explained that the Virgin — the daughter of human parents and of human generations — becomes the Mother of God.

Yet this fact was incomprehensible even for her: "How shall this be, since I have no husband?" (Lk 1:34).

Probably it was difficult to be understood by the people whose daughter she was — the people that had been waiting throughout its whole history precisely for this, the coming of the Messiah, and that

saw in this the main purpose of its vocation, of its trials and sufferings.

This fact is difficult to understand for so many men and nations, even if they accept the existence of God, even if they have recourse to his kindness and mercy.

But "with God nothing is impossible"!

* * *

2. If today the Church recalls these words, then it is also necessary for us to seek in them the answer to the question about the mystery of the Immaculate Conception.

Since the omnipotence of the Eternal Father and the infinite power of love operating with the might of the Holy Spirit bring it about that the Son of God becomes man in the womb of the Virgin of Nazareth, so the same power, in consideration of the merits of the Redeemer, preserves his Mother from the heritage of original sin.

It makes her holy and immaculate from the first moment of her conception.

The same omnipotence, the same power of love, the same might of the Holy Spirit bring it about that she alone, among all the sons and daughters of Adam, is conceived and comes into the world "full of grace".

So, also at the moment of the annunciation, Gabriel will greet her: "Hail, full of grace" (Lk 1:28).

* * *

3. We come today to this Roman sanctuary of the Mother of God, full of special veneration for the Holy Trinity:full of gratitude to the Father, the Son and the Holy Spirit for these "great things" that the grace of the Almighty did from the first moment of life of the Virgin of Nazareth.

This is, in fact, the year in which, one thousand six hundred years after the First Council of Constantinople, we recall also the one thousand five hundred and fiftieth anniversary of the Council of Ephesus.

For this very reason the bishops of the whole world met at St Peter's tomb of the Feast of Pentecost to venerate the Holy Spirit, the Paraclete, in spiritual union with the thanksgiving liturgy which took place in Constantinople.

In the evening of the same day, they came here, to the Marian Basilica of Rome, to give thanks for the mystery of the Incarnation, which is the supreme work of the Holy Spirit in the history of salvation. In this way he who "through the Holy Spirit became incarnate in the womb of the Virgin Mary, and became a man" was venerated, and so, too, was she, the Virgin Mother, whom the Church has called the "Mother of God" (Theotokos) since the times of the Council of Ephesus. In giving this title to Mary, the Church professes her faith in the greatest work of salvation, which the Holy Spirit carried out in her and through her. "With God nothing is impossible!"

4. It was not granted to me to take part personally in that historic celebration. But I had worked wholeheartedly for its preparation, realizing that not only the faith of two millennia had to be expressed in it, but also that particular dialogue of love and trust, which the Church of our time is carrying on with the Holy Spirit through the Heart of the Mother of God. This dialogue is intensified especially when the Church togetherwith mankind undergoes severe experiences and trials, and also when the hope of renewal and peace springs up again within her.

In fact, during the difficult years of the last world war, Pope Pius XII consecrated the whole of mankind to the Heart of the Immaculate Virgin, including in this consecration after some years the peoples particularly dear to the Mother of God: those of Russia.

In our times, the hope of renewal has been born again in the Church, together with the work of the Second Vatican Council. While this hope meets with

various difficulties, while at the same time it feels incessantly the threat to peace, it seemed that it was necessary to appeal again to the Holy Spirit through the Heart of the Mother of God, of her whom Pope Paul VI often called "Mother of the Church".

Precisely on Pentecost Sunday, therefore, during the solemn celebration in this basilica in the presence of the bishops of the whole world, there was pronounced the act of consecration to the Immaculate Mother of God, which is a testimony of the Church's love for Mary, as she fixes her eyes upon Her as the figure of her own motherhood. This act is also a testimony of hope which, in spite of all the threats, the Church wishes to announce to all peoples: to those that wait for it most, together with those "whose consecration the Mother of God herself seems to await in a special way" (cf. "Commemorative Celebrations" p. 29).

Today we also repeat this act of consecration.

5. Providence calls us incessantly to read the "signs of the times" with discernment. And precisely following the signs of the times, we venerated on Pentecost Sunday the memory of both the great councils of the perfectly united Church. Precisely following the signs of the times, we renewed at St. Peter's tomb our faith in the Holy Spirit "who is the Lord and giver of life", according to the words of our common Creed. Precisely following the signs of the times, we gathered on the evening of the same day in the Marian sanctuary of Rome.

The signs of the times oblige us to read the divine plans by going back to the original and most ancient words.

Are there not also among those words those of the Book of Genesis, which were recalled today in the first reading: "I will put emnity between you and the woman, and between your seed and her seed; he shall bruise your head, and you shall bruise his heel..." (Gen 3:15)?

The signs of the times indicate that we are in the arena of a great struggle between good and evil, between the affirmation and the negation of God, of his presence in the world and of the salvation which has its beginning and its end in him.

Do not these signs indicate to us the Woman, with whom we should travel down the years of the century and the millennium that are about to close? Should we not, precisely with her, face up to the sufferings with which our time abounds? Should whe not find again precisely in her that fortitude and that hope which spring from the very heart of the Gospel?

6. "With God nothing is impossible!"

Let us meditate on the mystery of the Immaculate Conception.

Let us reflect according to the teaching of the Second Vatican Council on the marvellous presence of Mary in the mystery of Christ and of the Church.

Listening to the Word of the living God, which speaks to us from the depths of the first advent let us go to meet everything that the time of man and of the world can bring us. Let us go — united with the Woman par excellence, Mary.

# GĦELUQ IL-100 SENA TA' L-EWWEL INKORONAZZJONI TAX-XBIHA TAL-MADONNA F'MALTA (1881 - 1981)

# Tifkira tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta fil-15 ta' Lulju, 1881



XBIHA MIRAKULUZA
TAL-MADONNA TAL-KARMNU
FIL-BAZILKA SANTWARJU TAL-KARMNU
VALLETTA
INKURUNATA MILL-KAPITLU VATIKAN
FILL-15 TA' LULJU 1881

Mitt sena ilu, fil-15 ta' Lulju, 1881, il-Maltin u l-Għawdxin raw ċerimonja li bħalha qatt ma kienu raw. Lejlet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, ix-xbieha għażiża u devota titular tal-knisja tagħha fil-Belt Valletta, ġiet inkurunata b'solennità l-aktar kbira mill-Isqof ta' Malta, Konti Carmelo Scicluna, li kien assistit minn Mons. Pietru Pace, Isqof ta' Għawdex u Mons. Salvatore Demartis, Karmelitan, Isqof ta' Galtelli, f'Sardegna, kif titlob iċ-ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni.

Qabel dak il-jum, saru festi kbar ta' tħejjija u kuljum eluf ta' nies kienu jattendu fil-knisja u madwarha għal dawk il-funzjonijiet u festi esterni li kienu jsiru għal ġieħ tal-Madonna. Fil-15 ta' Lulju, 1881, tgħidilna l-kronaka ta' dawn il-festi, minn qabel sebaħ u qabel fetħet il-knisja, li dak iż-żmien kienet tiftaħ fl-4.00 a.m., dehru nies ġejjin bil-fanali f'idejhom mill-irħula u l-kampanja ta' Malta, kulħadd bi ħsieb wieħed f'moħħu, li jkollu x-xorti li jsib post ħalli jkun jista' jara l-kuruni tad-deheb jitpoġġew fuq ras il-Bambin u fuq ras il-Madonna.

### L-Inkurunazzjoni

Fis-sitta ta' filgħodu, beda l-kant tal-Matutin, li spiċċa bil-kant tal-Martiroloġju, wara l-Prima. Wara, fis-7.30 a.m., Mons. Isqof, Konti Carmelo Scicluna, bħala delegat tal-Kapitlu Vatikan, beda ċ-ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni, billi l-ewwel bierek il-kuruni tad-deheb. Wara bdiet il-Quddiesa Pontifikali li fiha ħa sehem il-Kapitlu tal-Katidral. Wara l-kant tal-vanġelu, Patri Pietru Fontana S.J., niseġ paniġierku sabiħ fuq il-Madonna tal-

Karmnu u l-Labtu tagħha. Il-ħin tant mistenni wasal meta spiċċa l-Pontifikal solenni. Mons. Isqof Scicluna intona l-antifona "Regina Coeli" (Sultana tas-Sema) u waqt li din kienet qegħda titkanta, resaq lejn il-Kwadru tal-Madonna. U n-nies miġbura fil-knisja ferħu, anzi bkew bil-ferħ għax raw ix-xewqa tagħhom mitmuma li jaraw il-Madonna Inkurunata. Mal-kant tal-Innu ta' ringrazzjament, it-Te Deum li ġie kantat wara l-Inkurunazzjoni, il-qniepen kollha ta' Malta ngħaqdu flimkien biex bil-leħen ferrieħi tagħhom iwasslu l-aħbar lil dawk li ma setgħux imorru u jassistu għal din iċ-ċerimonja, l-ewwel waħda ta' din ix-xorta fil-gżejjer tagħna.

**Fit-Tifkira tal-Inkurunazzjoni**

L-ewwel inkurunazzjoni li saret f'Malta kienet l-espressjoni tal-qima tal-Maltin u l-Għawdxin lejn din ix-xbieha għażiża. Kienet att ta' ringrazzjament lill-Madonna tal-Karmnu ta' dak kollu li għamlet mad-devoti tagħha u talba biex Marija minn fejn qegħda, Reġina tas-Sema u tal-art, tibqa' tħares u tbierek lil uliedha kollha kull fejn jinsabu. Wara din l-ewwel Inkurunazzjoni saru ħafna inkurunazzjonijiet tax-xbihat tal-Madonna f'Malta u f'Għawdex, fosthom dik ta' Pinu.

Dawn l-inkurunazzjonijiet juru li d-devozzjoni lejn il-Madonna hija mxerrda u għadha ħajja fil-gżejjer tagħna. Imma hemm bżonn li din id-devozzjoni tkun sinċiera msejsa fuq l-imitazzjoni tal-virtù sbieħ tal-Madonna. Infittxu li jekk irridu li lil Marija Verġni nsibuha vera Ommna fil-bżonnijiet tagħna, inkunu wlied denji tagħha.

*"Il-fidi ta' Marija kienet tgħaddi lil dik tal-bnedmin u ta' l-anġli kollha. Hi lemħet lil Binha fl-istalla ta' Betlem u emmnet li kien il-Ħallieq tad-dinja. Ratu jaħrab minn Erodi u fil-fidi tagħha qatt ma ddubitat li kien is-Sultan tas-Slaten. Ratu jitwieled u emmnet li kien minn dejjem. Ratu fqir, nieqes saħansitra mill-aktar ħtiġijiet elementari, u madankollu emmnet li kien is-Sid tal-ħolqien. Ratu mimdud fuq it-tiben, u l-fidi tagħha qaltilha li kien Dak li jista' kollox. Ratu li ma qal lanqas kelma, u madankollu emmnet li kien l-Għerf innifsu. Semgħetu jibki, u emmnet li kien il-ferħ tal-Ġenna. U, fl-aħħar, ratu jmut, imżeblah b'kull mod, imsallab ma' Salib, u għalkemm il-fidi ta' l-oħrajn kollha naqset, Marija pperseverat fit-twemmin sħiħ tagħha li Hu kien Alla."*

*S. Alfons Liguori.*

**Bernard Häring għadu kemm ippubblika ktieb ta' meditazzjonijiet bibbliċi dwar il-Madonna. Hawn qed inġibu bil-Malti waħda minn dawn il-meditazzjonijiet sbieħ li titkellem dwar:**

# *Il-Mimlija bil-Grazzja*



***"Imbagħad, fis-sitt xahar, Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazareth, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: 'Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek'. Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet tfisser din it-tislima. Iżda l-Anġlu Gabrijel qalilha: 'Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla, Ara int ser ikollok Iben u ssemmih Ġesù'.***

*(Luqa: 1, 26-31).*

Il-milja taż-żmien kienet waslet. Is-sinjal tal-wegħda, il-verġni, jidher quddiemna; nafuh l-isem tagħha: Marija — l-isem privileġġjat tal-pjan ta' Alla, isem li jimla lil qlubna bil-fiduċja u l-ferħ.

Flimkien ma' l-anġlu tal-Mulej ngħidu: **"Sliema għalik!"** Din hija l-istess kelma wżata fis-"Sliema" tagħna, li nistgħu nfissru wkoll bil-kelma: "Ifraħ". Alla nnifsu jistieden lil Marija sabiex tifraħ bil-wasla tal-era messjanika. Kif qatt tista' ma tifraħx meta taf li hi dak is-sinjal imwiegħed li kellu jħabbar il-wasla tal-Prinċep tal-Paċi. Kull darba li aħna nsellmulha bis-"Sliema", aħna nkunu ningħaqdu magħha fil-ferħ u l-gratitudni tagħha lejn Alla.

**"Mimlija bil-grazzja"**: Alla żejjinha bil-grazzji. Hi kollha kemm hi proprjetà tal-Qaddej ta' Jahweh, li dwaru Alla qal: "Hekku l-qaddej tiegħi, li jiena għażilt, u li fuqu tistrieħ il-għaxqa tiegħi". (Is. 42:1) Hi sabet grazzja quddiem il-Mulej minħabba Dak li hu l-Iben il-Maħbub. Il-kelmiet li ġejjin mingħand Alla fit-tislima huma enormi, nistgħu ngħidu li huma sinjal sagramentali effettiv. Alla jxerred fil-qalb ta' Marija l-ferħ messjaniku; hi l-ewwel persuna li daqet minn qabel il-wasla taż-żmien messjaniku. Permezz ta' rivelazzjoni speċjali, Marija ssir taf li hija sinjal ta' tama, sinjal li permezz tiegħu Alla jwettaq il-wegħdiet tiegħu lil Iżrael. Ħajjitha kollha hija għanja waħda ta' fidi f'Alla li jista' kollox: "Bħalma wiegħed lil missirijietna, b'risq Abraham u nislu għal dejjem". Mill-bidu sat-tmiem, il-ħajja ta' Marija hi mimlija bil-grazzja, għaliex hija f'kull ħin u f'kull post tiżżi ħajr lil Alla, u minħabba f'hekk hi dejjem lesta li tesperimenta l-ħlewwa tal-Mulej, u li twieġeb bil-ġenerożità u bi gratitudni tassew kbira.

Il-Grazzja (grieg: **charis**) mhix oġġett. Hija l-imħabba attrattiva ta' Alla: Alla nnifsu, filwaqt li jdawwar wiċċu lejna biex jurina l-imħabba tiegħu għalina, jipprova jiġbidna lejn qalbu. U l-ebda persuna li għexet qabel Marija ma nistgħu ngħidu li kienet daqsha miġbuda lejn il-qalb ta' Alla. Sa minn żmien iż-żgħożija tagħha, meta mitlufa kienet timmedita fuq il-profeziji

kbar messjaniċi, kif ukoll dwar il-ġrajjiet tal-istorja tas-salvazzjoni, kull kelma li magħha ltaqgħet kienet tkellimha dwar l-imħabba attrattiva tal-Mulej.

**"Il-Mulej miegħek".** Issa l-mument l-iktar importanti ta' l-istorja meta l-verġni ssir taf u tifhem b'mod mill-iżjed uniku l-isem "Emmanuel", 'Alla magħna', wasal biex iseħħ. Alla huwa magħha, u hi, li hi bint Iżrael, l-imwegħda lin-nazzjonijiet kollha, ma taħsibx fiha biss. Filwaqt li tifraħ fil-preżenza ta' Alla, Salvatur tagħha, hija ssejjaħlu Alla magħna, jiġifieri magħna **lkoll.** Il-ferħ tagħha quddiem is-Salvatur huwa l-ferħ tagħna, u aħna ningħaqdu magħha fil-ferħ u fir-radd il-ħajr.

**"La tibżax Marija".** L-esperjenza tal-preżenza ta' Alla u tar-rivelazzjoni li l-waqt tat-twettiq tal-wegħdiet kollha li saru fl-antik kien wasal biex iseħħ, jista' jkun li fixkel u ħawwad xi ftit lil Marija. Fl-umiltà tagħha, hija qatt ma kienet ser tippermetti lilha nnifisha li taħseb li hi l-verġni mwegħda. Issa Alla juri lilu nnifsu u l-pjanijiet kollha tiegħu lil Marija. Qalbha tfur bil-ferħ, u madankollu, hi titħawwad permezz tal-biża' qaddis tagħha lejn Alla. Dan huwa l-mument deċiżiv li fih Marija ssib, fuq livell mill-iżjed fil-fond, is-sintesi diġa' eżistenti ta' ferħ u biża', ta' radd il-ħajr lil Alla kif ukoll ta' tifħir lill-isem qaddis tiegħu.

Il-ħajja spiritwali tagħna ma tistax tkun ħajja b'saħħitha mingħajr il-kuntrast u l-armonija ta' dawn iż-żewġ oqsma ta' ferħ u ta' biża' qaddis. F'Marija, il-biża' t'Alla ma jistax ikun dak il-biża' ta' lsira li hija hekk kontra r-rieda tagħha, iżda l-biża' ta' bint Alla. Madankollu, maħsuda b'din l-aħbar ġdida tar-rivelazzjoni, hija ħasset il-ħtieġa ta' għajnuna speċjali mingħand Alla sabiex tirbaħ kull biża' u tintelaq f'idejh kollha kemm hi, sabiex hija tkun tista' verament tmiss il-grazzja li sabet quddiem Alla. Mill-bidu sat-tmiem hija tibqa' fil-grazzja tal-Mulej, għaliex hija għal dejjem umli, mimlija bil-fidi u bir-radd il-ħajr

Aħna nfaħħruk, Missier, Sid is-sema u l-art:
għaliex dak kollu li inti ħbejt minn għajnejn
l-għorrief u s-supperv, int urejtu lill-qaddejja
umli tiegħek, Marija, bint Sijon.

Int għażiltha biex tkun is-sultana tal-profeti
u dan kollu Int għamiltu għalina.
Agħmel li aħna dejjem infaħħru ismek, permezz tal-qima
ta' Dik li inti għażilt biex tkun Omm tal-Iben Uniku
tiegħek magħmul bniedem.

Bl-interċessjoni ta' Marija,
u f'isem Ġesù, l-Emmanweli, nitolbu
sabiex anke aħna jkollna x-xorti nduqu l-preżenza
tiegħu u naslu biex nagħrfu ismu: Alla magħna.
U nifirħu fih li hu s-sagrament il-kbir li permezz tiegħu
nersqu iktar qribek.

O Marija, liema ferħ jimla 'l qalbna kull darba li
nsellmulek u ngħidulek: "Sliema Għalik".
Il-grazzja li inti sibt quddiem Alla, sibtha għalina:
Aħna nkunu nistgħu nesperimentawha, jekk aħna, bħalek,
inroddu ħajr lil Alla u nemmnu fih f'kull waqt.

Itlob għalina,
sabiex aħna nkunu nistgħu nifirħu fil-preżenza tal-Mulej.

Amen.

# KRONAKA TAS-SANTWARJU



**(Ikompli Settembru)**

**16.** Il-Pueri Cantores tal-Gudja, immexxijin mill-Kan. Vincent Balzan għamlu pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn saret quddiesa u talb lill-Madonna.

**20.** Dun Maurice Mifsud mexxa pellegrinaġġ taż-żgħażagħ minn Birkirkara għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, fejn saret quddiesa u talb ieħor.

**24.** Grupp ta' Seminaristi Għawdxin li għadhom kif temmew is-sena intermedjarja barra minn Malta ġew f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu biex iroddu ħajr lil Alla għall-ġid li huma kisbu matul din is-sena bl-bl-interċessjoni tal-Madonna. Is-sagrifiċċju tal-quddiesa b'radd il-ħajr sar mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u l-l-Arċidjaknu Mons. Giovannni Gauci.

**25.** Attività oħra fis-sensiela ta' attivitajiet preparatorji għaċ-ċelebrazzjoni solenni taċ-Ċinkwantenarju tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju ta' Pinu, saret illum għaż-żgħażagħ Għawdxin fuq iz-zuntier tal-Bazilika. Aktar minn elf ġuvintur u tfajliet attendew u ħadu sehem fis-Septemberfest — serata ta' talb, kant, u mima — li ġiet organizzata mill-Kumitat Organizzattiv tal-festi bil-koperazzjoni tal-Kumitat Djoċesan taż-Żgħażagħ.

## OTTUBRU

**4.** Waħda mill-attivitajiet ta' thejjija għall-festi solenni ta' għeluq il-50 sena tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu kienet ħarġa għall-Inkapaċitati Għawdxin li ntemmet b'quddiesa mid-Direttur tal-Għaqda Inkapaċitati Dun Manwel Curmi. Din l-attività saret bil-koperazzjoni tal-Għaqda Inkapaċitati.

**11.** Ftuħ tas-Sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika. Saret nofs siegħa adorazzjoni u Konċelebrazzjoni fis-Santwarju Ta' Pinu. Il-Konċelebrazzjoni tmexxiet mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u fiha ħadu sehem l-Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali l-ġdid Dun Karm Hili u saċerdoti oħra attivi fl-Azzjoni Kattolika.

## NOVEMBRU

**1.** Bħal fis-snin l-imgħoddija, fl-okkażjoni tal-anniversarju tad-definizzjoni tad-domma tal-Assunzjoni tal-Madonna, l-Azzjoni Kattolika organizzat pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn sar xi talb lill-Madonna. Numru sabiħ ta' membri tal-Azzjoni Kattolika ħadu sehem f'dan il-pellegrinaġġ marjan.

**7.** Peress li kien l-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika organizzat siegħa adorazzjoni u quddiesa għall-membri tagħha.

**10.** F'laqgħa li saret illum, il-Kumitat Organizzattiv tal-Festi Ċinkwantenarji tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju ta' Pinu taħt il-Presidenza tal-E.T. Mons.

Isqof Nikol Ġ. Cauchi, iddeċieda li ċ-Ċelebrazzjonijiet kollha in konnessjoni ma' dan iċ-Ċinkwantenarju li kellhom isiru sat-13 ta' Diċembru, jiġu mħassra u posposti għal wara l-festi tal-Milied.

**15.** Il-Pia Unjoni Madonna ta' Pinu organizzat pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn saret quddiesa minn Dun Karm Borg. Fl-omelija tiegħu, Dun Karm ħeġġeġ lil dawk preżenti biex jużaw it-talenti li Alla tahom biex ikunu ta' servizz għall-proxxmu. B'hekk, anke jekk indirettament inkunu qed naħdmu għall-kawża tal-paċi li huwa l-iskop ewlieni tal-Pia Unjoni Madonna ta' Pinu. Numru sabiħ ta' nies minn diversi parroċċi ta' Għawdex ħadu sehem f'din il-quddiesa. Wara saret Via Sagra mis-Santwarju għal mal-Għolja ta' Għammar.

**20.** Sar pellegrinaġġ mill-Awżiljarji tal-Legion of Mary. L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi qaddes għal dawk li ħadu sehem f'dan il-pellegrinaġġ.

**26.** Fl-okkażjoni ta' Jum ir-Radd il-Ħajr, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni fis-Santwarju ta' Pinu. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof tkellem dwar id-dmir li kull wieħed u waħda minna nroddu ħajr lil Alla għal tant u tant ġid li aħna kontinwament nirċievu minn għandu.

## QASSISIN BARRANIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

Fr. Anthony Aquilina; Dun Ġużepp Saliba; Fr. Joseph Mintoff; Fr. Manwel Curmi; Fr. Rogelio Eguivel; Fr. Jimmy Xerri; Fr. G. Camilleri; Rev. Salv Sultana; Mgr; Joseph Buttigieg; Fr. Ġorġ Mercieca; Rev. Salv Vella; Mons. Salv Sammut; Fr. Emmanuel Bugeja; Can. A. Camilleri; Can. Jos. Zahra; Fr. Victor Scicluna; Fr. Paul Fenech; Fr. Francesco Ellul; Can. Kapp. Vincent Balzan; Fr. Anton Schembri; Rev. Fr. Louis Bezzina; Dun Tarċisju Camilleri; Dun Karm Borg; Fr. Joe Bezzina; Rev. Fr. Anthony Saliba; Dun Effie Masini; P. Ġiljan Calleja O.Carm.; Fr. Peter Paul Mejlaq O.F.M.; Rev. S. Cutajar; Dun Alwiġ Deguara; Rev. S. Cutajar; Dun Angelo Buttigieg; Dun G'Maria Cauchi; Sac. J. Sacco; Dun Ġużepp Gauci; Fr. Peter Sammut; Arċ Eucharist Sultana; Can. Luigi Camilleri; Fr. George Grima; Rev. Jos. Fsadni; Dek. Giovanni B. Gauci; Rev. Can. A. Cauchi; Fr. Saviour Tabone; Fr. Michael Attard; Can. Gius. Tabone; Fr. Carmelo Portelli; Kapp. Dun Salv Debrincat; Dun Lawrenz Xiberras; Fr. Antonio Cefai; Fr. Edwin Agius MSSP.; Fr. Anton Dimech; Fr. Piubattista Farrugia OFM.; Can. Salv Camilleri; Fr. Paul Muscat; Rec. Joseph Rapa; Fr. G. Piscopo; Dun Salv Muscat; Dun Ġwann Mizzi; Mons. M'Angelo Apap; Dun Ġorġ Vella; P. Anġeliku Vella, OFM. Cap.; Dun Karm Hili; Rev. Fr. Gregory Grech; Dun Ġużepp Bajada; Dun Anton Borg; Dun Ġorġ Borg; Can. Joseph Borg; Rev. Joseph Camilleri; Rev. B. Farrugia OFM. Cap.; Dun Giovanni Cremona; Dun Benjamin Galea OFM.; Kapp. Dun Ġwann Cini; Dun Salv Azzopardi; Arch. Nikol Vella; Fr. Anthony Caruana SDB.; Mons. Carmelo Sacco; P. Gabriel S. Micallef OFM. Cap.; P. Ġwakkin Mercieca OFM. Cap.; Fr. M. Cutajar OSA.; P. Pietro Paolo Mejlaq OFM.; P. Bonaventura M. Camilleri OFM. Conv.; Fr. Daniel M. Glavina S.J.; Can. M'Angelo Xerri; Can. Anton Gauci; Can. Piju Zerafa; Fr. Paul Zerafa; Rev. Michael Galea; Fr. Michael Agius OFM. Cap.; Fr. Paul Fenech; Mons. Francesco Borg; Fr. Ġorġ Mercieca; Arch. Gius. Borg; Fr. Rosario Borg; Mons. Gregorio Vella; Fr. Alfred Sacco SDB.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Austokja Sultana minn Kerċem u Joseph Muscat minn Victoria; Joe Sultana min-Nadur u Phyllis Bonnici minn Sannat; Nazzarenu Xuereb mix-Xewkija u Pauline Galea mill-Għarb; John Hili mix-Xewkija u Ġorġa Cini miż-Żebbuġ; Joseph Apap mix-Xewkija u Emilja Farrugia minn Victoria; Salvu Galea u Lucy Piscopo mill-Għarb; Raymond Tabone mix-Xagħra u Rose Sultana min-Nadur; Joe Bugeja minn Victoria u Maria Bugeja minn Fontana; John Gauci minn Sannat u Ġina Cutajar minn Fontana; Salvina Vella minn Victoria u Thomas D'Anastasi minn tas-Sliema; Joe Saliba mix-Xewkija u Carmela Zerafa minn Sannat; John Spiteri u Carol Said min-Nadur.

# GRAZZI MADONNA.... GHAX SMAJTNI!

**GĦAWDEX:**

Doris Portelli; Maria Camilleri; Maria Gauci; Maria Vella; Rita Farrugia; Ġorġa Formosa; Clementina Bonnici; Frenċ Buttigieg; Elizabeth Vella; Kelina Vella; Jane Cauchi; Carmela Borg; Carmela Camileri; Martha Camilleri; Mario Grech; Gregory Grech; Annetta Grima; Ġuża Debono; M'Jane Refalo; Rita Mejlaq; Ġorġa Galea; Joseph Buttigieg; Freddie Borg; Joyce Spiteri; Joseph Camenzuli; Phyllis Apap; Sunta Cassar; Ġuża Grima; Joseph Attard; Ġużeppa Azzopardi; Rita Tabone; Maria Portelli; Helen Agius; Grezzju Pisani; Pawla Portelli; Maria Portelli; Rose Buttigieg; Leli Sacco; Stella Dingli; M'Rose Grima; Eugine Sacco; Ċikku Bajada; Mikiel Aquilina; Maria Cardona; Angela Agius; Angelo Vella; Pawla Attard; Tony Calleja; Nina Muscat; Salvu Bajada; M'Jane Zammit; Tonina Grima; Grezzju Caruana; Carmen Azzopardi; Peter Paul Mifsud; Ġemma Xuereb; Ċikka Cauchi; Ġolina Vella; Karmnu Saliba; Vicky Hili; Carmelo Vassallo; Pietro Camilleri; Peter Paul Grech; Lonza Portelli; Michael Camilleri; Carmen Aquilina; Joe Sultana; M'Ann Sultana; Antonia Attard; Pawlu Sultana; Joseph Bajada; Ġorġina Spiteri; Rita Cassar; Maria Galea; John Mejlaq; Ġuża Attard; Paul Xuereb; Vitoria Mercieca; Ġuża Galea; Rose Buttigieg; Grace Haber; Salvina Formosa; Ġużeppi Gauci; Frans Magro; Ġina Borg; Philip Muscat; Sunta Muscat; Margerita Muscat; Ġulina Muscat; Ġuża Vella; M'Ann Vella; Angela Borg; Maria Debrincat; Paul Formosa; Carmela Sammut; Josephine Portelli; Pawlu Sultana; Doris Pace; Agata Portelli; Silvja Attard; Maria Formosa; Ċetta Xiberras; Richard Ellis.

Mary Vassallo; Doris Abela; Maria Refalo; Frank Attard; Anton Buttigieg, Rita Said; Toni Pace; Antonia Portelli; Kelinu Gatt; Maria Farrugia; Rose Vella; Dun Ġużepp Sacco; Ġanna Sultana; Jessie Azzopardi; Margerita Grima; Angela Borg; Doris Mercieca; Carmena Agius; Salvu Zerafa; Grace Attard; Ġorġa Saliba; Francis Cassar; Tonio Farrugia; Annie Buttigieg; Lucy Saliba; Stella Attard; Carmela Curmi; Giovanna Grech; Michael Pace; Marlene Muscat; Joe Apap; Ġużeppi Mizzi; Angela Cassar; Mary Axiaq; Rose Farrugia; Toni Sultana; Rita Theuma; Carmen Sultana; Pawla Mercieca; Michael Galea; Ġuża Cauchi; Joe Sultana; Gracie Cardona; M'Ann Stellini; Natalie Buttigieg; Lorenza Formosa; Maria Bezzina; Vira Buttigieg; John Sultana; Kelinu Vella; Rosalie Attard; Wiġi Mercieca.

**MALTA**

Helen Bonnici; Carmena Cauchi; Rożina Camenzuli; Doris Grech; Roża Galea; Natasha Borg; Patricia Attard; Paul Abela; Carmen Gauci; Carmelo Vella; Ċettina Galea; Carmen Degabriele; Piju Camilleri; Giovanna Camilleri; Salvu Cassar; Emmanuel Baldacchino; Sam Falzon; Paul Grech; M'Stella Buttigieg; Michael Curmi; John Brincat; Anthony Bajada; Anthony Spiteri; Paul Debattista; J. Fenech; Francis Vella; Ċensa Fenech; Lorry Grech; F. Cassar Parnis; Mollie Wirth; Patrick Cachia; Mary Lanzon; Karmnu Vella; Paul Galea; Mario Sant; N. Caruana; Giovanna Camilleri.

**AWSTRALJA**

Mary Sultana; Vicky Vella; Ġuża Sultana; Salvu Said; Mary Cassar; Peter Paul Cardona; Ġina Calleja; Carmen Mercieca; Esther Xiberras; Carmen Costa; Michelina Galea; Ninu Zahra; Anthony Apap; Rita Sultana; Chris Said; C. Axiak; Mrs. M.L. Magro; Joe Rapa; Rose Cauchi; Rita Deguara; Tony Aquilina.

**U.S.A.**

Angelo Grima; Joseph Dimech; Carmel Attard; Charlie Buttigieg; Rita Bugeja.

**CANADA**

Mary Said; Anthony Mizzi; Jane Gatt; Maria Galea.

## Grazzja Speċjali:

Guliano Refalo ta' 20, Triq Bullara, Xagħra, jixtieq jirringrazzja lill-Madonna Ta' Pinu għall-grazzja tal-fejqan li huwa rċieva minn għand Alla bl-interċessjoni tagħHa wara li talab bil-qalb għal żmien twil. Fl-ittra tiegħu, fost ħwejjeġ oħra, Guliano jgħid hekk: "Għalhekk jiena rrid fuq kollox ngħid lil min qed jitlob lill-Madonna xi grazzja jew miraklu ma jaqtax qalbu u jkompli jitlob..."

---

### PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA TA' PINU

Christopher Grech — Victoria; Henry Tanti — Rabat, Malta; Ronald Galea — Manikata, Malta; Rose Spiteri — Xewkija; Marvic Mizzi — Victoria; Keith-Charles Abela — Sliema; Kurth-Philip Abela — Sliema; Christopher Cardona — Nadur; Diane Calleja — Victoria; Beneditt Cassar — Tarxien; Daniel Cauchi — Qormi; Fiorita & Sherren Borda — Valletta; Michael Galea — Xagħra; Max Zammit — Victoria; Silvana Saliba — Fontana; Margret Vella — Sannat; Vincent Sultana — Xagħra; Naiomi Pisani — Victoria; Maureen Anne Piscopo — Victoria; Peter Muscat — Nadur; Fiona Galea — Xagħra; Aron Galea — Xagħra; Victor Frans Said — Xagħra; Sylvana Zerafa — Għajnsielem; Karl Galea — St. Julians; Andrea Mejlaq — Fontana; Joseph Tabone — Victoria; Mark Buhagiar — Rabat, Malta; Karl Vella — Victoria; Marita Attard — Victoria; Charmaine Saliba — Sannat; Frankie Tabone — Sannat; Noel Attard — Għajnsielem.

### MAGĦMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Mario bin Raymond Xerri u Margaret neè Galea minn Sannat; Daniel bin Carmel Grima u Josephine neè Grima; Ranfred bin Fortunato Curmi u Maria neè Attard minn Victoria; John Paul bin Toni Grima u Katerina neè Chetcuti minn Victoria; Naiomi bin Mario Pisani u Fortunata
Marita bint Mario Attard u Grace neè Galea minn Victoria.

---

**"Ġesù obda lil ommu. Qrajtu kif dak kollu li jgħidulna l-Evanġelisti dwar il-ħajja moħbija ta' Ġesù f'Nazareth ma' Marija u Ġużeppi, hu li 'soġġett lejhom' u 'kiber fil-għerf u fis-snin'. (San Luqa II, 51-52). Hemm xi ħaġa f'dan li ma taqbilx mad-Divinità tiegħu? Żgur li le. Il-Kelma saret Bniedem; Hu tbaxxa daqstant li wasal biex jieħu natura bħal tagħna, barra d-dnub; ġie, qal, 'mhux biex jaqduh imma biex jaqdi' (San Mattew XX, 28); 'biex ikun ubbidjenti sal-mewt' (Filipp. II, 8); għalhekk ried jobdi lil Ommu. F'Nazareth obda lil Marija u 'l Ġużeppi, iż-żewġ ħlejqiet privileġġjati li Alla qiegħed ħdejh. Sa ċertu punt, Marija taqsam mal-Missier Etern l-awtorità fuq l-Umanità ta' Ibnu. Ġesù seta jgħid dwar Ommu dak li qal dwar Missieru fis-Sema: "Nagħmel dejjem il-ħwejjeġ li jogħġbuha." (San Ġwann VIII, 29)**

(*Marmion:* **Kristu, il-Ħajja tar-Ruħ**).

## L-UMILTÀ TAL-MADONNA U AĦNA Jaqbad minn pagna 230

F'kull żmien fl-istorja tad-dinja tfaċċaw nies li ċaħdu l-eżistenza t'Alla, u meta nistudjaw ħajjithom insibu li kienu nies kbar f'kull qasam tal-ħajja, iżda għax irnexxielhom jikbru fl-għerf, setgħa, u fil-ġid, imtlew bis-suppervja u waslu saħansitra biex ħaduha kontra Dak li tahom l-għerf, is-setgħa, il-ġid u l-ħajja.

### *X'se nagħmlu aħna?*

L-ewwel ħaġa l-virtù ta' l-umiltà trid tkun marbuta mar-rieda li wieħed iħalli 'l Alla jagħmel fih il-volontà Tiegħu. Hekk qal Ġesù: "Mhux min igħidli Sinjur Sinjur, jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri, dan jidħol fis-saltna tas-smewwiet." M'għandna nabbużaw qatt bil-ftit tas-setgħa li tiġi mogħtija lilna. Kemm nisimgħu bi stejjer ta' vendikazzjoni, għira, mibegħda? Min jaf kemm-il darba deherilna li kellha tgħaddi tagħna u ma ridna bl-ebda mod inbaxxu rasna għall-pariri ta' ħaddieħor! Min jaf kemm imtlejna bina nfusna meta nkunu wettaqna xi ħaġa li ħaddieħor ma kienx kapaċi jagħmilha, u flok dawwarna ħarsitna lejn is-sema u għidnielu "Grazzi, Mulej, mhux bil-ħila tiegħi, iżda tiegħek", deherilna li ħadd m'hu bħalna?

L-Iskrittura tgħidilna li Alla jbiegħed minnu lis-supperv, u jagħti l-grazzja tiegħu lill-umli. Għalhekk naċċettaw bis-sabar u bl-umiltà d-dmirijiet u s-slaleb tagħna ta' kuljum. Ma ninsew qatt li l-infern ġie maħluq għall-misħut vizzju tas-suppervja, u li Luċifru, l-akbar wieħed fost l-anġli u l-arkanġli u li kien imżejjen bi grazzji u b'doni l-aktar sbieħ, jinsab fil-qiegħ tiegħu, u li n-Nazzarena Marija li għexet moħbija, minsija u mwarrba mill-bnedmin, tinsab issaltan fuq l-anġli u l-qaddisin kollha.

**KAV. JULIAN REFALO RAPA.**

---

# Tislima ta' S. Franġisk lill-Verġni Mbierka

Sliem għalik, sidt qaddisa, sultana l-aktar qaddisa, Omm Alla Marija, li int Xebba għal dejjem, magħżula mill-Missier l-aktar qaddis tas-sema, li kkonsagrak ma' Ibnu l-għażiż l-aktar qaddis u ma' l-Ispirtu Paraklitu, li fih kien hemm u hemm il-milja tal-grazzja u kull tjieba.

Sliem għalik, għamara tiegħu.
Sliem għalik, tabernaklu tiegħu.
Sliem għalik, dar tiegħu.
Sliem għalik, ilbies tiegħu.
Sliem għalik, qaddejja tiegħu.
Sliem ghalik, Omm tiegħu.

# HAIL MARY!



Mary is the way of mercy, the mother of grace, the lover of pity, the sweet consoler of the human race.

**(Sixtus IV).**

**How much the mother of God is exalted above all saints, so much does she surpass them in her bounty towards us.**

**(St. Bonaventure).**

*If in spite of our unworthiness, we invoke the name of Mary, we shall be hearkened to, on account of the Mother's merits.*

**(St. Anselm).**

***The invocation of the name of Mary is sometimes more efficacious than that of the name of Jesus; it is when she joins her prayers to ours to touch the heart of her Son.***

**(St. Anselm).**

The Almighty hath done great things in thee. He has given thee all power in Heaven and on earth.

**(St. Peter Damian).**

**Each of our days is marked with the protection of Mary, who is exceedingly anxious to be our Mother, when we desire to be her children.**

**(St. Vincent de Paul).**

*He who has said: Honour thy father and mother, wishing to surpass all others in the fulfilment of His commandment has showered on His Mother graces and honours.*

**(St. Methodius).**

# WARDA LIL MADONNA

KULL ABBONAMENT HUWA WARDA LIL MADONNA.
AKTAR ABBONAMENTI: AKTAR WARD LIL MADONNA.
L-ABBONAMENTI HUMA TURIJA TA' QIMA LIL MADONNA.



**Iġbor Abbonati**

**Għar-Rivista**

**"Madonna ta' Pinu"**

- XERRED DEJJEM L-ISTAMPA T-TAJBA
- ĦAJJAR LILL-OĦRAJN JAQRAW LETTERATURA MARJANA.
- TRID TOFFRI RIGAL UTLI LIL ĦABIBEK? ABBONAH FIR-REVISTA "MADONNA TA' PINU".

Ibgħat l-indirizzi ta' l-abbonati l-ġodda lil:

Amministratur,
"Madonna Ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu — Għawdex.



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tiveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*